Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2006

Talba Numru. 1740/2005

**Laferla Insurance Agency Lmited**

**vs**

**Joseph Camilleri f'ismu propju kif ukoll bhala direttur tas-socjeta 21st Century Ghall Kafe' Limited**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Settembru 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' sitt mija sebgha u erbghin lira Maltija u tmien centezmi (Lm647.08) rapprezentanti bilanc dovut fuq polza ta' assikurazzjoni, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra n-nota tas-socjeta attrici prezentata f'l-14 ta' Lulju 2006 li biha cediet il-mertu pero zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b'l-avviz fit-22 ta' Mejju 2006, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------